MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 66/2011/1

**Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa)**
***v.***
**Patrick Spiteri**

1. Dan huwa appell magħmul miż-żewġ partijiet minn sentenza mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-25 ta’ Mejju 2012 fuq referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Patrick Spiteri [“Spiteri”] tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b’diversi reati. Waqt is-smigħ tal-kawża b’rikors tat-12 ta’ Ottubru 2011 Spiteri talab illi ssir referenza kostituzzjonali għax allega illi ġarrab jew sejjer

iġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] għal dawn ir-raġunijiet:
3. għax għamel stqarrija (fit-23 ta' Ġunju u fil-25 ta' Ġunju 2006) meta ma kellux opportunità li jitlob l-għajnuna ta' avukat u fil-fatt ma kellux dik l-għajnuna;
4. għax ix-xiehda ta' uffiċjali tal-pulizija hija msejsa fuq dak li suppost stqarr hu magħhom;
5. għax ix-xiehda ta' Alfred Galea u Leonard Cachia (żewġ xhieda li xehdu fil-proċeduri) hija konsegwenza ta' stqarrijiet magħmula minnhom meta ma kellhomx l-għajnuna ta' avukat; u
6. għax ix-xiehda ta' Gejtu Zerafa, li hu allegat li huwa kompliċi ta' Spiteri, hija ta' preġudizzju għalih għax hija xiehda ta' min hu allegat li hu kompliċi.
7. Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba b'dikriet tat-13 ta' Ottubru 2011 u bagħtet l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li bis-sentenza appellata wieġbet hekk:
"(i) biż-żewġ stqarrijiet li rrilaxxja l-akkuzat fit-23 ta' Ġunju 2006 u fil-25 ta' Ġunju 2006, ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6(3)(c) konġuntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea; (ii) l-istess għandu jingħad fil-każ tax-xiehda tal-Kummissarju Rizzo, tad-Deputat Kummissarju Joe Cachia, tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar, tal-Ispettur Angelo Gafà, tal-Ispettur Ian Abdilla u ta' P.C. 775 Edwin Cassar, in kwantu biss din ix-xhieda hija msejsa fuq dak li seta' stqarr magħhom l-akkużat wara li bdiet l-investigazzjoni fil-konfront tieghu; iżda (iii) tiċħad l-ilment tal-akkużat fil-konfront tax-xiehda ta' Alfred Galea u Leonard Cachia, u ta' Gejtu Zerafa, u tqis li bix-xiehda ta' dawn il-persuni ma ġewx imkissra drittijiet tal-akkużat kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea."
8. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
"Din il-qorti hi konxja tal-fatt li reċentement, il-Qorti Kostituzzjonali affermat il-prinċipju li meta tittieħed stqarrija ta' persuna li tkun investigata b'xi reat u dan meta dik il-persuna ma jkollhiex il-possibilità li tikseb għajnuna legali, ikunu ġew leżi d-drittijiet tagħha ta' smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 6(3)(c) konġuntivament mal-artikolu 6(1)

tal-Konvenzjoni Ewropea – ara Il-Pulizija *vs* Lombardi, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011, u Il-Pulizija *vs* Pullicino", deċiża mill-istess qorti fl-istess jum.

"Issa, f'dan il-każ jidher li ż-żewġ stqarrijiet li għamel ir-rikorrent Patrick Spiteri ttieħdu fiż-żmien meta ma kellux dritt jitlob assistenza ta' avukat. Dan ma jfissirx li din il-qorti għandha tiddikjara hi l-istess stqarrijiet illeċiti u tordna l-isfilz tagħhom. Din il-qorti ma tħossx li għandha tapprofondixxi fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fuq materja simili, però l-kompitu tagħha hu biss li tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet tal-akkużat meta ttieħdu dawk l-istqarrijiet, u tħalli f'idejn l-ewwel qorti biex tara kif tirregola s-sitwazzjoni fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni.  Hekk ġie deċiż fil-każ ta' Lombardi fuq riferit fejn il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet it-talba tar-rikorrent u ddikjarat li ġew leżi d-drittijiet tiegħu ta' smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 6(3)(c) konġuntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u waqfet hemm.

"Hu veru li dan il-każ għadu ma ġiex terminat u l-proċeduri kriminali kontra l-akkużat għadhom pendenti, però, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Lombardi msemmija:

" "Fil-fehma ta' din il-qorti biex jiġi dikjarat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, il-qorti mhux neċessarjament trid toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ kollu jew li jiġi attwalment miksur xi dritt tal-akkużat, imma jekk ikun hemm diġà raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tista' tagħmel dik id-dikjarazzjoni ta' leżjoni, hija għandha teżamina l-lanjanza meta tiġi sollevata. Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*, *3rd Edition, page 70* "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall*". Fil-fehma ta' din il-qorti, in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi billi jista' jiddetermina "*the framework in which the offence charged will be considered at the trial*".

"Għar-rigward ix-xiehda ta' uffiċjali tal-Pulizija, il-pożizzjoni m'hijiex daqshekk ċara, però, kif taraha din il-qorti, kull diskors li seta' qal l-akkużat wara li kien beda jiġi

investigat għandu jitqies imċappas b'dan l-istess vizzju. Darba li persuna tkun qed tiġi investigata, għandu jitqies li skatta fil-konfront tagħha l-protezzjoni tal-liġi, u kwalunkwe diskors li jkun sar, anke b'mod informali, ma' uffiċjali tal-Pulizija ma jistax jinġieb kontra tagħha. F'dan il-każ, l-akkużat rikorrent huwa uffiċjal tal-Pulizija, u allura hu faċli li dan "jitkellem" ma' uffiċjali sħabu. Darba, però, li bdiet l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, m'għandux jiġi mħajjar jitkellem fuq il-każ tiegħu, u, jekk jitkellem minn rajh, l-uffiċjal li miegħu jkun qed jitkellem għandu jwiddbu biex jiskot. Kull ma ntqal mill-akkużat wara li bdiet l-investigazzjoni għandha, għalhekk, tiġi mwarrba. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Lombardi msemmi:

" "Minn eżami tal-fatti li jemerġu f'dan il-każ, jirriżulta suffiċjentement evidenti li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi msemmija mogħtija mill-Qorti ta' Strasbourg, ġie vvjolat kemm fuq bażi oġġettiva kemm ukoll mill-aspett ta' "*self-incriminating evidence*". Fil-mument li ġie interrogat l-appellant u meta rrilaxxja żewg stqarrijiet mal-uffiċjali konċernati kienet tipprevali "*a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions*" (Boz *v.* Turkey, u Dayanan *v.* Turkey). Di più, fil-każ ta' Dayanan *v.* Turkey, kienet instabet leżjoni tal-artikolu 6 *nonostante* li l-akkużat baqa' sieket meta interrogat mill-pulizija. Aktar u aktar allura fejn, bħal f'dak il-każ, il-persuna interrogata rrilaxxjat stqarrijiet li jikkonċernaw il-ħtija tagħha taħt din ir-restrizzjoni għad-dritt għall-avukat. Lill-qorti ma jirrizultawlha l-ebda "*compelling reasons*" biex jiġġustifikaw restrizzjoni totali ta' aċċess għall-avukat, kif irriżulta f'dan il-każ."

"Dan ma jgħoddx għal dak li seta' stqarr l-akkużat qabel ma beda jiġi investigat. Mhux eskluż li, waqt li kien fuq xogħlu, l-akkużat seta' lissen xi ħaġa fuq l-aġir tiegħu ma' xi membru ieħor tal-korp tal-Pulizija, u dan id-diskors jista' jiġi ripetut f'qorti ta' gustizzja kriminali. Hu, importanti, però, li tiġi evitata kull suspett ta' "*entrapment*", u kull diskors li seta' intqal mill-akkużat wara li tkun bdiet l-investigazzjoni għandha titqies bhala "*self-incriminating evidence*" li mhux aċċettabbli.

"Din hi kwistjoni ta' fatt li trid tiġi mistħarrġa u deċiża mill-qorti inferjuri. Jekk, wara li tisma' l-provi relattivi,

tikkonkludi li d-diskors li qed jirrepetu l-uffiċjali tal-Pulizija seħħ wara li bdiet l-investigazzjoni, jiġifieri, wara li l-Pulizija tkun xeħtet għajnejha fuqu u tissuspetta fih, allura dak id-diskors għandu jitqies mhux attentibbli, u r-ripetizzjoni tiegħu waqt proċess kriminali għandu jitqies li jilledi d-drittijiet fondamentali tal-akkużat. Kif intqal mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Salduz v. Turkey, deċiż fis-27 ta' Novembru 2008, huwa prinċipju li l-Konvenzjoni Ewropea ttendi "*to the prevention of misċarreages of justice and the fulfillment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*"
"Persuna li tkun qed tiġi investigata għandha titqies li tkun f'sitwazzjoni vulnerabbli speċjalment jekk tkun għadha ma tafx li hija tkun qed tiġi hekk investigata. Jista' jkun li, f'ċertu stadju bikri tal-investigazzjoni, il-Pulizija ma jkunx jidhrilha opportun li tarresta lill-persuna investigata, jew li tinformaha bl-investigazzjoni, però, minn dak il-mument tkun persuna suspetta u l-każ tagħha ma għandux jiġi preġudikat billi f'qorti tal-ġustizzja kriminali jiġi ripetut xi diskors li dik il-persuna setgħet qalet ma' uffiċjali tal-Pulizija.
"Għar-rigward ix-xhieda ta' Alfred Galea u Leonard Cachia, din il-qorti ma tarax li għandha għal xiex tintervjeni. L-istqarrijiet relattivi ta' dawn il-persuni ma ġewx minnhom kontestati, u kwindi għandu jitqies li huma qablu ma' dak li kien ġie redatt fl-istqarrija. Huma xehdu f'dan il-proċess b'mod liberu u b'impenn li jgħidu l-verità. Setgħu ħarġu bi storja differenti, imbagħad, wisq probabli, kienu jiġu konfrontati bl-istqarrija li jkunu għamlu u jkollhom jispjegaw għaliex biddlu l-verżjoni tal-fatti. Hi x'inhi, però, dak li xehdu ma jistax jiġi sfilzat għax dak li qalu seta' kien kondizzjonat bl-istqarrija. Fil-proċeduri kontra tagħhom, dawn il-persuni ma kkontestawx l-istqarrija li kull wieħed minnhom kien għamel, u kienu sodisfatti mill-proċeduri kif żvolgew fil-konfront tagħhom. Din il-qorti ma tistax tindaga fuq stqarrija ta' persuni li m'humiex parti fil-kawża, u jekk dawn, fil-proċeduri fejn intużat l-istqarrija kontra tagħhom, ma qajmu ebda oġġezzjoni, din il-qorti ma tistax tintervjeni, anke jekk dak li ngħad fl-istqarrija jista' jkun ta' ħsara għall-akkużat odjern. Jekk persuna tixhed jew tirrilaxxja stqarrija kontra

persuna oħra, dik l-evidenza ma tistax titneħħa mill-proċess a bażi tal-fatt li x-xhud seta' kien ikkundizzjonat b'dak li sar qabel, meta l-istess xhud ikun f'pożizzjoni li jilmenta fuq dak li sar qabel, iżda ma għamel xejn. F'kull każ, meta l-persuni in kwistjoni xehdu quddiem il-qorti, huma kienu taht il-kontroll u protezzjoni tal-istess qorti, u sta għall-qorti li tqis u tapprezza dik ix-xiehda fil-kuntest tal-każ.

"L-istess għandu jingħad dwar ix-xiehda tal-allegat kompliċi. Din hija xiehda permessa bil-liġi, u sta għall-qorti li qed tisma' l-każ li tqis din ix-xiehda fil-kuntest tal-każ li tkun qed tittratta. Din il-qorti ma tarax li, bil-fatt biss li xiehda ta' kompliċi hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq. Kompliċi hija persuna li tista' titressaq bħala xhud bħal kull persuna oħra, basta, ovvjament, li l-akkużat ikollu l-istess possibilità ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif għandu f'każ ta' kwalunkwe xhud ieħor.

"Il-liġi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-każ kontra akkużat tkun bażata biss fuq xiehda ta' kompliċi, min ikun irid jiddeċiedi fuq il-ħtija jqis dik ix-xiehda b'ċerta kawtela, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ żgur li se tapproċċja xiehda ta' allegat kompliċi bid-debitu rigward. Ma jistax, però, jingħad li xiehda ta' kompliċi hija, *a priori*, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minħabba l-istat tagħha ta' kompliċi, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-każ, u ma għandhiex tiġi eskluża minħabba f'hekk. Il-prinċipju ta' "*equality of arms*" ma jkunx ġie mittiefes bil-fatt li tali xiehda tkun permessibbli, għax dan ix-xhud huwa suġġett għall-iskrutinju miż-żewġ naħat kif isir fil-każ ta' kull xhud iehor. Il-każ li x-xiehda ta' kompliċi tista' tkun "*tainted*" minħabba varji ċirkostanzi tista' tingħad fil-konfront ta' kull xhud, u l-qorti li quddiemha jkun għaddej il-każ hija żgur kompetenti biex tevalwa x-xiehda, tqis l-affidabilità tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-oħra tal-każ.

"Kwindi, dawn l-aħħar żewġ ilmenti tal-akkużat ma humiex se jiġu akkolti."

9. Minn din is-sentenza appellaw kemm il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali u kemm Spiteri. Nibdew bl-appell tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali.

10. Il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali appellaw b'rikors tal-4 ta' Ġunju 2012 minn dik il-parti tas-sentenza li sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. L-aggravji tagħhom huma dawn:

11. ma hemmx jedd fondamentali għal għajnuna legali iżda biss jedd għal smigħ xieraq;

12. Spiteri ma kienx imġiegħel jagħmel stqarrija u kien ingħata t-twissija li trid il-liġi; fehem sew iċ-ċirkostanzi li kien fihom għax kien uffiċjal għoli tal-Pulizija għal ħafna snin;

13. il-każijiet ċitati fis-sentenza appellata kienu differenti mill-każ tallum għax kienu dwar persuni partikolarment vulnerabbli;

14. każ li aktar jixbah lil dak tallum – u fejn ma nstab ebda ksur ta' drittijiet – kien dak ta' <u>Paskal *v.* l-Ukrajna</u>[1] fejn ir-rikorrent kien *ex*-uffiċjal tal-pulizija;

15. hemm provi oħra barra l-istqarrijiet li għamel Spiteri li jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni;

16. f'kull każ il-ġurisprudenza ta' wara l-każ ta' <u>Salduz</u> ma għandhiex ikollha effett retro-attiv;

17. bejn meta Spiteri għamel l-ewwel stqarrija fit-23 ta' Ġunju 2006 u meta għamel it-tieni waħda fil-25 tal-istess xahar għamel ħin ħieles mill-arrest u ma kien hemm xejn li jfixklu milli jfittex għajnuna legali f'dak l-intervall; u

18. b'referenza għal dik is-silta tas-sentenza fejn jissemma diskors "informali" bejn Spiteri u membri oħra tal-Pulizija, ma kien hemm ebda diskors informali, għax kull meta Spiteri kien avviċinat mill-Pulizija dan sar b'mod formali u wara li ngħata t-twissija li trid il-liġi.

19. Fil-fehma ta' din il-qorti dawn l-aggravji huma ampjament ġustifikati.

20. Fiż-żmien meta Spiteri għamel l-istqarrijiet kien għadu ma daħalx fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali li jagħti jedd għal għajnuna ta' avukat fl-istadju ta' interrogazzjoni mill-Pulizija. Qabel ma daħal fis-seħħ l-art. 355AT, iżda, il-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd għal smigħ xieraq b'tali mod li n-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tal-interrogazzjoni mill-pulizija seta', fiċ-ċirkostanzi idonei, jagħti lok għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Ma' ċirkostanzi bħal

---

[1] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.

dawn wieħed jista' jgħodd fejn il-persuna indagata tkun f'sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża'.

21. Dan huwa l-kuntest proprju u leġittimu ta' dan il-jedd: ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Hekk, il-każ ta' Salduz *v.* it-Turkija[2] kien dwar żagħżugħ li kellu biss sbatax-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta li kien ħa sehem f'attività politika illegali. Meta, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru[3] ukoll l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiæ* – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Fil-każ ta' Płonka *v.* Il-Polonja[4] l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu.

22. Fost s-sentenzi mogħtija minn din il-qorti nsibu l-każ ta' Il-Pulizija *v.* Esron Pullicino[5], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[6], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

23. Fil-każ tallum ma ntweriex illi Spiteri ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilità partikolari xort' oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-preżenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda Spiteri ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Anzi, Spiteri kien uffiċjal tal-Pulizija, familjari mal-proċeduri tal-pulizija u ma kienx

---

2 Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

3 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

4 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

5 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

6 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

sejjer ikun intimidit bl-interrogazzjoni. Għalhekk fil-każ tallum huwa partikolarment relevanti dak li ntqal mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Paskal *v.* l-Ukrajna[7]: "*the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed*"[8].

24. Relevanti wkoll huwa l-fatt illi bejn l-ewwel stqarrija u t-tieni waħda Spiteri ma kienx taħt arrest u kien ħieles li jmur għand avukat u jieħu kull parir li ried. Għalhekk, il-fatt illi dak iż-żmien ma kienx fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali jsir irrelevanti għax Spiteri ma kien jeħtieġ il-permess ta' ħadd biex ikellem avukat fil-ħin li ma kienx miżmum taħt arrest. Minkejja dan mhux biss ma ħax lura dak li qal fl-ewwel stqarrija iżda tennieh fit-tieni waħda.

25. Bħala fatt, mela, ma huwiex minnu illi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, Spiteri ma kellux il-fakoltà vera u effettiva li jkellem avukat.

26. Relevanti wkoll hija l-osservazzjoni tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali dwar retro-attività. Ukoll jekk interpretazzjoni wisq superfiċjali tas-sentenza ta' Salduz tista' tidher li twassal għall-konklużjoni illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[9], dan ikun żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta' jedd ġdid favur il-persuna investigata li ma jinvalidax dak li seħħ validament qabel, meta l-pożizzjoni kienet regolata bl-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[10] li qalet illi "*Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 3 – may also be relevant before a case is sent for trial* ***if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them***[11] *... … … [I]n order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard*

---

7 Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.

8 Para. 78.

9 Konklużjoni li din il-qorti ma taqbilx magħha: ara Charles Stephen Muscat *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost. 8 ta' Ottubru 2012, rik. 75/2012; Joseph Bugeja *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

10 Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

11 Para. 36. Enfasi miżjud.

*must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case*[12]".

27. Fil-każ tallum ma hemm ebda preġudizzju, kemm għax l-istqarrijiet ma sarux f'sitwazzjoni ta' vulnerabilità, kemm għax bħala fatt Spiteri kellu, bejn stqarrija u oħra, fakoltà li jkellem avukat u kemm għax hemm xiehda oħra li tikkorrobora. Għalhekk l-istqarrijiet ittieħdu sew u kienu jiswew meta saru.

28. Din il-qorti hija tal-fehma wkoll illi għandha tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-kumment tal-ewwel qorti illi "kull diskors li seta' qal l-akkużat wara li kien beda jiġi investigat għandu jitqies imċappas b'dan l-istess vizzju. Darba li persuna tkun qed tiġi investigata, għandu jitqies li skatta fil-konfront tagħha l-protezzjoni tal-liġi, u kwalunkwe diskors li jkun sar, anke b'mod informali, ma' uffiċjali tal-Pulizija ma jistax jinġieb kontra tagħha".

29. Dan il-kumment, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa estrem wisq u ma jirreflettix neċessarjament il-pożizzjoni legali korretta f'kull ċirkostanza tax-xenarju ferm ampju u generalizzat postulat mill-ewwel Qorti fil-kumment tagħha. Dawn it-tip ta' kummenti ta' firxa ferm wiesgħa mingħajr ma jkunu arġinati b'fatti speċifici jew riferibbli għal sitwazzjonijet konkreti jistgħu jiżvijaw lil min jaqrhom. Huwa essenzjali illi fl-interpretazzjoni tad-drittijiet jinżamm dejjem sens ta' proporzjon raġonevoli u realistiku bejn il-għan leġittimu ta' dak id-dritt – li, fil-każ tas-smigħ xieraq, huwa illi min hu innoċenti ma jinstabx ħati – u l-ħtiġijiet leċiti u ġenwini tal-ġlieda kontra d-delinkwenza.

30. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali sejjer jintlaqa'.

31. Ngħaddu issa għall-appell ta' Spiteri, li jolqot id-deċiżjoni dwar ix-xiehda ta' Galea u Cachia, li wkoll għamlu stqarrijiet meta ma kellhomx l-għajnuna ta' avukat, u dwar ix-xiehda ta' Zerafa, li huwa allegat li kien kompliċi ta' Spiteri.

32. Spiteri appella b'rikors tat-1 ta' Ġunju 2012 u l-aggravji tiegħu huma dawn:

33. dwar l-istqarrijiet ta' Galea u Cachia, dawn saru bi ksur ta' drittijiet fondamentali, għax saru mingħajr l-għajnuna ta' avukat, u dan il-fatt itebba' b'illegalità wkoll

12 Para. 38.

ix-xiehda li dawk il-persuni jagħtu fil-qorti għax meta jixhdu jkunu “kondizzjonati” li jtennu dak li jkunu qalu fl-stqarrija minħabba fil-biża’ li jkollhom li jiġu konfrontati biha;

34. dwar ix-xiehda ta’ Zerafa: l-ewwel qorti fehmet ħażin l-ilment tiegħu, li ma kienx dwar kemm tista’ toqgħod fuq ix-xiehda ta’ kompliċi. L-ilment – fid-dawl tal-fatt illi x-xiehda ta’ kompliċi li jkun ko-akkużat ma hijiex ammissibbli kontra ko-akkużat ieħor sakemm il-każ tiegħu ma jkunx għadda f’ġudikat – huwa illi kompliċi ma jistax jitneħħielu “dak l-i*status* b’deċiżjoni unilaterali tal-Avukat Ġenerali barra mill-qafas tal-liġi”; u

35. ir-rimedju għall-ksur tad-drittijiet għandu jkun wieħed effettiv u mhux “sempliċi dikjarazzjoni”: għandu jiġi dikjarat illi ma għandu jsir ebda użu minn stqarrijiet li min għamilhom ma kellux l-għajnuna ta’ avukat meta għamilhom.

36. Il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali wieġbu fl-4 ta’ Ottubru 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta’ din il-qorti, huwa riżultat ta’ malintiż piuttost mifrux illi min hu akkużat b’reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista’ b’xi mod tkun ta’ ħsara għalih, bħallikeku għandu d-dritt ukoll illi f’kull każ jinstab mhux ħati u illi l-*equality of arms* tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.

38. Ġà rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, illi l-fatt waħdu illi ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta’ avukat ma huwiex *ipso facto* bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

39. Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta’ xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta’ xi jedd tiegħu.

40. Mela l-premessa ta’ Spiteri illi l-istqarrijiet ta’ Galea u ta’ Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta’ avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.

41. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

42. It-tieni aggravju jolqot ix-xiehda ta’ min huwa allegat li kien kompliċi ma’ Spiteri. Dwar dan ix-xhud, fis-

seduta tal-20 ta' Jannar 2012 quddiem l-ewwel qorti ġie verbalizzat hekk:
"… fil-konfront ta' Gejtu Zerafa, xhud fil-proċeduri kriminali, ma ttieħdu ebda passi kriminali kontrieh f'dan il-każ sallum; jekk hux se jittieħdu proċeduri fil-futur l-Avukat Ġenerali ma jistax jikkommetti ruħu."

43. Spiteri josserva illi "meta kompliċi jiġi akkużat ix-xiehda tiegħu ma tkunx ammissibbli fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, anke jekk mhux fl-istess proċeduri, sakemm il-każ tiegħu ma jgħaddix in ġudikat". Jgħid illi ma jistax jitneħħa "dak l-i*status* [ta' kompliċi] b'deċiżjoni unilaterali tal-Avukat Ġenerali barra mill-qafas tal-liġi" u illi dak li għamlu l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali "huwa biss użurpazzjoni ta' prerogattiva li tappartjeni biss lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta skond l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni". Din l-"użurpazzjoni", li saret "bi skop preċiż" li Zerafa jkun jista' jixhed kontra Spiteri hija, fil-fehma ta' dan, "leżiva tad-dritt tas-smigħ xieraq" tiegħu.

44. Din l-asserzjoni ta Spiteri hija fattwalment ħażina. Ma saret ebda użurpazzjoni tal-prerogattiva ta' maħfra taħt l-art. 93 tal-Kostituzzjoni. Jekk tingħata l-maħfra ma jkunux iżjed jistgħu jinbdew proċeduri kontra min ingħata dik il-maħfra. Fil-każ tallum, iżda, l-Avukat Ġenerali ma ikkommettiex ruħu dwar jekk jinbdewx proċeduri fil-ġejjieni.

45. Barra minn hekk, ma hemm ebda dritt fondamentali illi x-xiehda ta' kompliċi ma tiswiex kontra l-kompliċi l-ieħor. Li hemm hija dispożizzjoni tal-liġi ordinarja li tgħid illi "ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba … li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed"[13] u dispożizzjoni oħra li tgħid illi "meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat"[14]. Huwa kompitu tal-qorti ta' ġurisdizzjoni

[13] Art. 636(b), Kodiċi Kriminali.

[14] Art. 639(3), Kodiċi Kriminali.

kriminali li tkun qiegħda tisma' l-każ illi tinterpreta u tapplika dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja, iżda jekk il-liġi ordinarja tippermetti l-użu tax-xiehda ta' Zerafa dan ma jkunx bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

46. Sal-ġurnata tallum Żerafa għadu ma hux persuna akkużata u wisq anqas persuna ko-akkużata ma' Spiteri u għalhekk Spiteri ma jistax jippretendi li l-Qorti tapplika fil-konfront ta' Żerafa r-regoli legali applikabbli għal ko-akkużati meta Żerafa ko-akkużat ma hux.

47. Dan it-tieni aggravju wkoll huwa, għalhekk, miċħud.

48. L-aħħar aggravju jolqot ir-rimedju f'każ illi jinsab li kien hemm ksur ta' drittijiet. Billi ma nstab ebda ksur, dan ir-rimedju ma jibqax relevanti u l-qorti ma tqisux.

49. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' l-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, u għalhekk tħassar is-sentenza appellata fejn sabet ksur ta' drittijiet ta' Spiteri, u tiċħad l-appell ta' Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma sabitx ksur ta' drittijiet. Għalhekk twieġeb hekk għar-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati: ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (i) biż-żewġ stqarrijiet magħmula minn Spiteri fit-23 ta' Ġunju 2006 u fil-25 ta' Ġunju 2006, (ii) bix-xiehda tal-Kummissarju John Rizzo, tad-Deputat Kummissarju Joe Cachia, tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar, tal-Ispettur Angelo Gafà, tal-Ispettur Ian Abdilla u ta' P.C. 775 Edwin Cassar, (iii) bix-xiehda ta' Alfred Galea u Leonard Cachia, u (iv) bix-xiehda ta' Gejtu Zerafa.

50. Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jitkomplew il-proċeduri quddiemha.

51. L-ispejjeż kemm tal-appell u kemm tal-ewwel grad iħallashom Patrick Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------